MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 599/2014

**Westwood Co.Ltd ezercenti il-Kummerc bl-isem The Professionals**

**(C46738)**

**Vs**

**Kurt Psaila ezercenti il-Kummerc bl-isem I Design Interiors**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-20 ta' Awissu, 2014 fejn l-attur talab illi l-konvenut ghandu jhallas s-somma ta' hames mija u disa u disghin Ewro u tlett centezmi (€599.03c) liema somma tirraprezenta xoghol maghmul mill-attur ghal konvenut kif jirrizulta mill-istatement hawn anness bhala Dok.A;

Bl-ispejjez u tal-imghaxijiet Legali mill-4 ta' Dicembru, 2013 kontra l-konvenut.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fit-3 ta’ Novembru,2014 fejn eccepixxa:

1. Illi qabel xejn is-socjeta’ attrici trid tipprova u tispjega x’ inhu x-xoghol li dwaru qed tressaq il-pretensjoni taghha permezz ta’ din il-kawza;
2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-permess, l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici mhuwiex dovut mill-esponenti stante li x-xoghol huwa inkomplut u ma tlestiex mis-socjeta’ attrici;
3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici mhuwiex dovut mill-esponenti stante li s-socjeta’ attrici kkagunat hsarat u dannu tal-esponenti;
4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hi nfondata fill-fatt u fid-dritt;
5. Salv eccezzjonjiet ohra.

Illi fis-seduta tal-20 ta’ Novembru, 2014 gie maqbul bejn il-partijiet illi ghadhom isiru x-xogholijiet mis-socjeta’ attrici u l-konvenut ihallas l-ammont ta’ hames mitt Ewro (€500) flimkien mat-taxxa.

Illi fis-seduta tas-6 ta’ Jannar, 2015 is-socjeta’ attrici pprezentat nota fejn cediet is-sorte stante pagament pero’ zammet ferm it-talba tal-hlas tat-taxxa peress illi t-taxxa baqghet ma thallsittx.

It-Tribunal ghalhekk in vista ta’ dak li kien gie maqbul fis-seduta tal-11 ta’ Dicembru, 2014 jaqta u jiddeciedi billi jordna lil konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------